**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 20 – IT-TNEJN, 27 TA' ĠUNJU 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Il-Kumitat Amministrattiv kien infurmat li s-Sinj. Maria Vella ma setgħetx tattendi għal-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 19 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 3. PUNTI MILL-MINUTI

3.1. Dwar punt 3 tal-minuti is-SE staqsa lill-Kumitat liema parti jixtiequ li tissemma għal Patri Benjamin. Kien ikkonfermat li l-parti suġġerita hija l-parti l-qasira, dik li għandha parti fuq ġewwa għat-tond.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

4.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li għat-talba ta' installazzjoni ta' dawl ġdid fi Triq Anton Manwel Caruana kien meħtieġ xogħol estensiv li jinkludi trinek bil-konsegwenza li l-ispiża kienet se titla ammont sostanzjali. Infatti l-prezz huwa €1317.

4.2. Is-Sinj. Cuomo qrat ittra mingħand residenta b'suġġerimenti biex jitressqu għal-laqgħa tal-komunità minħabba li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa.

4.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat li dwar l-iskips kienu marru hi u s-Sinj. Muscat biex jitkellmu ma' sid ir-ristorant ta' Triq is-Sikka. Dan minħabba li allegatament kien

qiegħed joħroġ l-imbarazz u ħmieġ ħdejn l-iskips. Huwa kienu infurmawh bis-sistema u minn dak inhar ma reġax kien hemm ħmieġ aktar.

4.4. Kien marru wkoll ikellmu lil tal-ġelati minħabba allegat tħollija ta' kaxxi. Madanakollu huwa ċaħad li kien qiegħed iħalli xi kaxxi barra.

4.5. Dak inhar stess tal-laqgħa is-Sinj. Cuomo kellmet lil tal-ħaxix u għalkemm qal li ma jaf xejn, il-problema hija solvuta.

4.6. Iċ-Chairperson infurmat li kienet kellmet lill-kuntrattur tal-iskart minħabba skip imkisser fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Qed tikkomunika wkoll spiss mal-kuntrattur tal-knis fejn qalet li s-sitwazzjoni qed titjieb.

4.7. Infurmat ukoll li l-Viċi Chairperson kienet bagħtet email biex tressaq għall-attenzjoni tal-Kumitat il-periklu li qed ikun hemm mit-trejqa ta' bejn BIC u l-Magħtab u anki dwar il-bus shelters. Dwar it-trejqa il-Kumitat qabel li għandu jikkomunika mal-Awtoritajiet u jitfa r-responsabbiltà fuq l-Awtorità tal-Ippjanar u TM.

4.8. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kien hemm ħsarat fuq l-open gym tal-bandli iżda issa ġew imsewwija.

4.9. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li s-Sinj. Muscat kienet irranġat appuntament mal-Onor. Deborah Schembri dwar l-art tal-iscouts. Din se ssir il-Ħamis 30 ta' Ġunju fl-4pm.

## 5. IL-LAQGĦA TAL-KOMUNITÀ

5.1. Il-Kumitat kien imfakkar li l-laqgħa tal-Komunità kienet skedata għas-7 ta' Lulju fis-7:30pm fuq iz-zuntier tal-Knisja.

5.2. Kien hemm qbil li s-SE jipprepara rapport tal-ħidma tal-Kumitat kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dan għandu jinkludi wkoll tgħarif finanzjarju.

## 6. SKIPS U TINDIF TAT-TOROQ

6.1. Il-Kumitat qabel li biex ikun hemm titjib fl-indafa, għandhom isiru tabelli ħdejn il-bring-in sites. Possibilment dawn isiru minn Green Pak.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Is-Sur Bonello informa li residenti partikulari qed iħallu ħmieġ, ġebel u żibel li jinħareġ wara nofsinhar.

7.2. Dwar il-ġnien inqalet kwistjoni dwar nies li jibqgħu fit-tard u li qed joħolqu ħafna storbju. Is-SE informa li kien sar tentattiv biex isiru tabelli ta' twissija iżda kien stabbilit li hemm wisq dħulijiet għall-ġnien u allura kien impossibli li tiċċirkondah bit-tabelli. F'dan ir-rigward kien hemm qbil li tintalab l-assistenza tal-Ministru biex possibilment jingħalqu l-aċċessi.

7.3. Is-Sur Bonello informa li hemm razzett li għandu klieb li jigdmu. Is-SE talbu d-dettalji ħalli jkun jista' jagħmel rapport lill-Pulizija. Is-Sur Bonello se jipprova jġib id-dettali u jgħaddihom lis-SE.

7.4. Is-Sinj. Muscat infurmat li n-notice board għandha bżonn dahar tas-sufra biex tkun tista' twaħħal l-avviżi.

7.5. Is-Sinj. Abela infurmat li fi Trejqet il-Kampanjol hemm arblu bin-numru GG6619 li għandu wajers tat-telefon imdendlin.

7.6. Is-Sinj. Abela infurmat li kelmitha residenta li lmentat fuq it-tabella li hemm fit-tarf ta' Triq ir-Ridott. Hija kienet infurmata li TM ma kinitx qed tara li hemm problema b'din it-tabella.

7.7. Is-Sinj. Cuomo infurmat li t-taraġ tal-kappella ta' fejn il-gabbana tal-ġelati tkisser.

7.8. Is-Sinj. Cuomo infurat ukoll li f'Xatt il-Palm hemm dgħajsa li ilha ġimgħa fit-triq.

## 8. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju, 2016 fil-5:00pm.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fis-6:40pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |